MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 2913/2002

**Maltacom p.l.c.
vs
Rite Mix Ltd**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1315.41 (elf, tlett mija, u hmistax-il lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu) liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ hsarat fuq infrastruttura ta’ l-istess socjeta attrici waqt xogholijiet fi Triq Psaila, Fleur de Lys Junction, Birkirkara fl-14 ta’ Settembru, 2001.

Is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghat nadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli, flimkien ma’ l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata Awwissu 2002.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ bil-gurament li l-ammont ghadu dovut minn Dr Ingrid Zammit Young.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1315.41 (elf tlett mija u hmistax il-lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu) rapprezentanti hsarat kagunati f’B’Kara nhar l-14 ta’ Settembru 2001. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------